**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 44/2011**

**Illum: 8 ta' April 2016**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Brian Spiteri**
**(ID 148269(M))**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Brian Spiteri ta' 41 sena, iben Alfred u Mary xebba Sant, imwieled Tarxien fit-13 ta' Marzu 1969, residenti gewwa 231, Marvin, Triq il-Vittorja, Hamrun, detentur tal-karta tal-identita` numru 148269(M);

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer f'Dicembru 2008 u matul ix-xhur ta' qabel:

1. Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939), jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-

Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga, u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-1 ta' Awwissu 2010 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni ta' l-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-1 ta' Gunju 2015, il-partijiet iddikjaraw li kienu qeghdin jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi kollha mressqa f'din il-kawza sa dakinhar, quddiem il-Qorti kif diversament preseduta;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat:**

**<u>Kunsiderazzjonijiet dwar Htija</u>**

Illi l-fatti fil-qosor li taw lok ghal dan il-kaz, kienu s-segwenti: Fl-14 ta' Dicembru 2008, gie arrestat gewwa l-Marsa certu Alexander Psaila wara li kien instab jahraq l-eroina gewwa l-vettura tieghu. Huwa rrilaxxja stqarrija lill-Ufficjal Investigatur f'dak il-kaz, ossia lill-Ispettur Sandra Zammit dakinhar stess u fl-istess jum, huwa kkonferma l-istqarrija tieghu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, fejn indika lill-persuna li minghandha kien xtara d-droga eroina.[1] Sussegwentement, fl-1 ta' Awwissu 2010, saret tfittxija gewwa r-residenza tal-imputat odjern gewwa l-Hamrun, mil-liema residenza, gew elevati diversi oggetti konnessi mad-droga, fosthom zewgt imwiezen u bicciet tal-*foil*, flimkien ma' hames *mobile phones* u tliet mija u hamsa u tletin Euro (€335) fi flus kontanti.[2] L-imputat gie arrestat u ttehditlu stqarrija nhar it-2 ta' Awwissu 2010, wara li gie moghti s-solita twissija, kif ukoll id-dritt li jikkonsulta ma' avukat, liema dritt huwa ghazel li ma jezercitahx. F'din l-istqarrija, l-imputat cahad li jbiegh id-droga u ghazel li ma jwegibx ghall-maggor parti tad-domandi li sarulu, kif kellu kull dritt li jaghmel.[3] A bazi tal-istqarrija guramentata ta' Alexander Psaila, l-imputat gie akkuzat bit-traffikar tad-droga eroina, ossia ir-reat mertu tal-ewwel imputazzjoni.[4]

Mir-relazzjoni tax-Xjenzat Godwin Sammut[5], jirrizulta illi l-oggetti li huwa gie moghti ghall-analizi kienu s-segwenti: i) 2 *aluminium foil* irrumblati b'ticpis ta' lewn iswed/kannella, *pen knife*, bicca *plastic* trasparenti, 2 pilloli ta' lewn sofor u nofs pillola bajda li skond it-*tag* mal-istess oggetti, gew elevati mill-kcina go *pouch* fil-presenza tal-imputat odjern; ii) flus li skond it-*tag* gew elevati mit-*toaster* tal-kcina fil-presenza tal-imputat; iii) bott ta' lewn iswed bil-kliem *Pfeffer Ko Fog*, bicca *plastic* trasparenti vojta u mera li, skond it-*tag* gew elevati mill-gradenza tal-kamra tas-sodda fil-presenza tal-imputat u iv) zewgt imwiezen u gazzetta li fiha sikkina li, skond it-*tag* gew elevati minn gewwa l-*vacuum cleaner* fil-presenza tal-istess imputat. Skond il-konkluzjonijiet tal-istess espert:

a) Fuq *swabs* mehuda miz-zewg *aluminium foil* u minn fuq il-mizien ta' lewn griz <u>instabet is-sustanza eroina</u>; (sottolinear tal-Qorti)
b) Ma nstabitx droga minn fuq estratti mehuda mill-pillola ta' lewn bajda u fuq *swabs* mehuda mill-mus, mill-mera, mill-mizien ta' lewn iswed u mis-sikkina;

[1] Ara x-xhieda tal-Ispettur Sandra Zammit (a fol. 31 *et seq* tal-process) u l-process verbal dwar stqarrija guramentata ta' Alexander Psaila (a fol. 9 tal-process).
[2] Ara x-xhieda ta' PC 760 Christopher Saliba (a fol. 17 *et seq* tal-process) u ta' PS 635 Alan Calleja (a fol. 104 tal-process).
[3] Din l-istqarrija tinsab esebita a fol. 13 *et seq* tal-process.
[4] Ara x-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech (a fol. 11 tal-process).
[5] Esebita a fol. 76 *et seq* tal-process.

c) Fuq estratti mehuda mill-pillola ta' lewn safra nstabet is-sustanza *amitriptyline*, liema sustanza m'hijiex ikkontrollata mil-ligi.

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi permezz tal-ewwel imputazzjoni, l-imputat qed jigi akkuzat talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina u dan b'referenza ghax-xahar ta' Dicembru 2008 u x-xhur ta' qabel din id-data. Kif inghad izjed 'il fuq, il-prosekuzzjoni akkuzat lill-imputat b'dan ir-reat a bazi tal-istqarrija guramentata rilaxxjata minn Alexander Psaila fl-14 ta' Dicembru 2008.

Ghalkemm fis-sottomissjonijiet taghha, id-difiza ssostni illi l-istqarrija ta' Alexander Psaila tista' tintuza biss bhala prova fil-konfront tieghu biss u mhux fil-konfront ta' terzi – f'dan il-kaz l-imputat odjern – biss l-Artikolu 30A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi eccezzjoni proprju ghar-regola taht l-Artikolu 661 tal-Kap. 9[6] u jghid illi minkejja d-disposizzjonijiet ta' dan l-ahhar artikolu, meta xi persuna tkun involuta f'xi reat kontra dik l-Ordinanza (ossia l-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), kull dikjarazzjoni maghmula minn dik il-persuna u li tigi konfermata bil-gurament quddiem magistrat, tista' tingieb bi prova kontra kull persuna ohra akkuzata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm il-darba jinstab li dik id-dikjarazzjoni tkun saret jew inghatat volontarjament u ma gietx imgieghla jew mehuda b'theddid jew biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi. Fil-kaz odjern, l-istqarrija rilaxxjata minn Alexander Psaila lill-pulizija giet ikkonfermatha minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti fl-istess jum u ghalhekk hija ammissibbli bhala prova kontra l-imputat odjern, b'dan illi japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 646(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Kif inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-26 ta' Mejju 2003, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Pierre Gravina**:

*L-ewwel sentenza tal-Artikolu 30A tal-Kap. 101 taghmilha cara li dak l-Artikolu qed jipprovdi ukoll eccezzjoni, pero` mhux eccezzjoni ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 646(1) tal-Kodici Kriminali izda ghar-regola kontenuta fl-Artikolu 661 ta' l-istess Kodici. Minn dan isegwi, li anke meta l-prosekuzzjoni tkun trid taghmel uzu minn dikjarazzjoni guramentata mehuda skond l-imsemmi Artikolu 30A, ir-regola ghandha tkun li min ikun ghamel dik l-istqarrija ghandu jingieb fil-qorti biex l-imputat jew akkuzat ikun jista' jikkontroezaminah dwarha. ... bhala regola, min*

[6] L-Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jghid hekk: "*Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra*".

*ikun ghamel tali stqarrija guramentata ghandu jingieb il-qorti ghall-fini ta' kontroll da parti tal-akkuzat jew imputat ...*".

Ghaldaqstant, la darba l-imsemmi Alexander Psaila xehed ukoll waqt dawn il-proceduri, fejn l-imputat ghalhekk seta' jaghmel il-kontro-ezami u jikkontrolla x-xhieda tal-istess xhud, l-istqarrija guramentata tal-istess Psaila hija prova ammissibbli. Minn din l-istqarrija[7], jirrizulta illi Psaila stqarr illi huwa jixtri l-eroina minghand "*certu wiehed Brian li joqghod il-Hamrun u ghandu xi 35 nahseb. Dan ili nafu*". Mistoqsi kif jixtri minghand dan Brian, ix-xhud jghid illi huwa jcempillu, Brian jghidlu biex imur id-dar tieghu, meta jasal huwa jcempillu u Brian jinzel jiftahlu l-bieb. Huwa johrog mill-karozza, jidhol id-dar ta' Brian, dan jaghtih id-droga u huwa jitlaq. Mistoqsi jekk Brian jghix wahdu, huwa jghid li ma jafx hux mizzewweg, imma ghandu tarbija u jghix ma' wahda. Jghid ukoll illi huwa ilu jaf lil Brian xi hmistax-il sena, izda din kienet it-tieni darba li xtara l-eroina minghandu. Jghid in oltre illi huwa kien sar jaf lil Brian mid-*detox*, li dan avvicinah u kien qallu li jekk ried jinqeda seta' jcempillu fuq in-numru li tah u li sussegwentement, huwa kien rega' rah il-Hamrun, Brian waqqfu u qallu li jekk ried seta' jcempillu fuq numru li tah, li kien differenti minn dak li kien tah qabel. Quddiem il-Magistrat Inkwirenti, imbaghad, ix-xhud zied jghid li dan Brian ghandu karozza bajda tal-marka Isuzu Gemini u li kien lest li jikkopera mal-pulizija billi jurihom fejn tinsab ir-residenza ta' dan Brian u li kien lest ukoll li jakkwista n-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tieghu u jghaddiha lill-Ispettur.[8]

Mill-atti madankollu, ma jirrizultax jekk effettivament, ix-xhud kienx indika r-residenza u n-numru tar-registrazzjoni tal-vettura tal-persuna msemmija fix-xhieda tieghu lill-pulizija u lanqas ma jirrizulta jekk l-imputat odjern kellux vettura bajda tal-marka Isuzu Gemini, kif jghid dan ix-xhud.

Fix-xhieda tieghu matul dawn il-proceduri[9], imbaghad, Alexander Psaila jikkonferma li kienu ttiehdu passi kontra tieghu dwar pussess tad-droga eroina f'Dicembru tas-sena 2008 u li huwa kien irrilaxxja stqarrija fejn kien indika lill-persuna li fornietu bl-istess eroina. Jerga' jghid illi huwa kien xtraha minghand "*certu wiehed Brian*"[10], izda meta mistoqsi jekk kienx qed jaghrfu fl-awla, huwa jghid "*Le, fil-fatt malli dhalt ghidt dak ma giex, mhux hu igifieri zgur. Kull ma naf Brian kien jismu u that's about it. Pero` they never made me biex naghrfu, mhux*

---

[7] A fol. 2 tal-process verbal esebit a fol. 9 tal-process.
[8] A fol. 4 tal-process verbal.
[9] A fol. 95 *et seq* tal-process.
[10] A fol. 96 tal-process.

*hu zgur igifieri, ghax he was bold, kull meta jinzel jaqdini igifieri.*"[11] Wara jghid illi l-persuna li minghandha kien jixtri ma kienx qaraj ghal kollox, imma li kellu hafna minn xaghru mqaxxar. Jerga' jghid illi l-imputat odjern m'ghandux x'jaqsam mal-persuna in kwistjoni u jghid illi huwa sar jaf lil Brian li huwa jsemmi fl-istqarrija tieghu meta waqt li kien id-*detox,* terzi persuni introducewh mieghu jew indikawhulu bhala persuna li minghandu seta' jixtri d-droga u tawh in-numru tieghu. Huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxjata minnu lill-Ispettur Zammit, kif konfermatha minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti u sussegwentement ikkonferma wkoll illi n-numru tal-*mobile* tieghu huwa 77844073.

Dwar dan, mir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada[12], li nizzel il-kontenut tal-*mobiles* elevati mill-pussess tal-imputat, jirrizulta illi dan in-numru 77844073 huwa indikat fil-*phone book contents* tal-*mobile* Nokia 3120 hdejn l-isem 'Alex'[13], fuq liema *mobile* hemm ukoll *incoming* u *missed calls* u messaggi li jirreferu ghal Mejju tas-sena 2010. Fuq il-*mobile* Samsung E2510, imbaghad, fil-*phone book contents* ukoll hemm l-istess numru 77844073 hdejn l-isem 'Alex'[14] u fil-*calls counter*, tidher ukoll telefonata ricevuta minn 'Alex' fl-1 ta' Awwissu 2010 (ossia l-jum li fih gie arrestat l-imputat odjern) u telefonata maghmula mill-istess cellulari lil 'Alex' ukoll fl-istess jum, kwazi nofs siegha wara.[15]

Fix-xhieda tieghu, l-istess Psaila jerga' jghid illi lill-imputat odjern ma jafux u meta mistoqsi kif allura kien jispjega l-fatt illi n-numru tieghu kien imnizzel fuq il-*phone book* tal-*mobile* tal-imputat, huwa jghid illi m'ghandux idea u li l-istess bniedem li kien ikellmu fuq it-*telephone*, kien l-istess bniedem li qdieh, ghaliex kien jaghrfu mill-vuci. Madankollu, jerga' jghid illi l-imputat odjern ma kienx l-istess bniedem li minghandu kien jixtri l-eroina – "*Le, mhux, qed nghidlek. Le, mhux*"[16] – u li hu jaf lil Brian Spiteri bhala bniedem iehor. Jghid illi ma jistax jispjega kif l-imputat kellu n-numru tal-*mobile* tieghu, li kien jaf lill-imputat biss minn wiccu bhala klijent tad-*detox*, izda qatt ma kellmu u qatt ma resaq lejh u li ma jafx min hu u li ghalih Brian Spiteri kien bniedem iehor. Jghid illi huwa kien jaf lill-persuna li minghandha kien jixtri d-droga bhala Brian biss u mhux b'kunjomu.

Il-Qorti tikkunsidra illi x-xhud Alexander Psaila ma kienx veritier meta jghid illi lill-imputat ma kienx jafu jew li kien jafu biss minn wiccu ghaliex kien jarah id-*detox* u li qatt ma kellmu. Kif inghad izjed' il fuq, l-istess Psaila ikkonferma li n-

[11] A fol. 96 tal-process.
[12] A fol. 35 *et seq* tal-process.
[13] Ara a fol. 48 tal-process.
[14] Ara a fol. 64 tal-process.
[15] Ara a fol. 71 tal-process.
[16] A fol. 100 tal-process.

numru tac-cellulari tieghu huwa 77844073 u dan in-numru mhux biss jinsab fil-*phone book contents* ta' zewg *mobiles* misjuba fil-pussess tal-imputat odjern, izda sahansitra jirrizulta mir-relazzjoni tal-espert Dr. Bajada, illi x-xhud cempel lill-imputat u li l-imputat cempillu lura proprju fil-jum li fih gie arrestat l-imputat odjern ossia fl-1 ta' Awwissu 2010. Biss ghalkemm dan juri illi x-xhud ma kienx veritier f'dan ir-rigward u ghalkemm dan jirrendi x-xhieda tieghu f'dawn il-proceduri bhala wahda dubjuza ghall-ahhar u priva mill-kredibilita`, il-Qorti ma tistax a bazi ta' dan biss, tasal ghall-konkluzjoni illi allura l-oppost ta' dak li jghid ix-xhud huwa fil-fatt minnu u cioe` illi kien l-imputat odjern li fornieh bid-droga eroina li nstabet fil-pussess tal-istess xhud fl-14 ta' Dicembru 2008. Dan ghaliex apparti din ix-xhieda xejn kredibbli u attendibbli ta' Psaila, fl-istqarrija originarjament ikkonfermatha minnu bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti, l-istess xhud indika biss lill-fornitur tieghu bhala "*certu wiehed Brian li joqghod il-Hamrun u ghandu xi 35 nahseb*", li ghandu tarbija u jghix ma' wahda u li ghandu karozza Isuzu Gemini bajda. Id-deskrizzjoni li ta x-xhud tal-fornitur tieghu ma kinitx xi wahda tant cara u inekwivoka u li a bazi taghha, minkejja c-cahda tal-istess xhud f'dawn il-proceduri, din il-Qorti tista' tasal ghall-konkluzjoni, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, illi f'dik l-istqarrija Psaila kien qed jirreferi proprju ghall-imputat odjern u ghal hadd izjed. Veru li l-Qorti tista' tiddeciedi li ma toqghodx fuq ix-xhieda moghtija fil-proceduri, meta x-xhud ibiddel jew jirritratta minn dak li jkun qal fid-dikjarazzjoni guramentata tieghu u toqghod minflok fuq id-dikjarazzjoni guramentata tieghu meta tasal ghall-konkluzjoni li l-verita` hija dik kontenuta f'din id-dikjarazzjoni u mhux dak li jkun iddepona matul il-proceduri quddiem il-qorti, izda fil-kaz odjern, kif inghad, il-Qorti m'ghandhiex prova cara u inekwivoka illi Psaila effettivament kien qed jirreferi ghall-imputat odjern fl-istqarrija guramentata tieghu. Apparti illi fl-14 ta' Dicembru 2008, u ghalhekk *a tempo vergine*, huwa lanqas ma gie muri xi ritratti li permezz taghhom identifika lill-fornitur tieghu bhala l-imputat odjern – haga li setghet facilment issir - il-prosekuzzjoni lanqas ma gabet prova li turi per ezempju illi l-imputat odjern kellu l-vettura li tissemma mix-xhud fl-istqarrija tieghu.

Il-Qorti tirrileva wkoll illi ghalkemm huwa minnu li mill-atti jirrizultaw provi li fil-fehma taghha huma indikattivi ta' bejgh tad-droga – u hawnhekk il-Qorti qeghda tirreferi ghall-fatt illi fil-*mobile* Samsung li nstab fil-pussess tal-imputat, hemm messagg li jghid "*Jin owin bry irid 35*"[17], kif ukoll illi fil-pussess tieghu l-imputat

---

[17] Ara a fol. 73 tal-process. Dwar il-messagg li jsemmi l-Ufficjal Investigatur fl-istqarrija mehuda lill-imputat minghand certa 'Xamajne' ossia "*Bri, pleez rispondi ax andi bzon, xamajne*", il-Qorti tinnota li ftit tal-minuti wara, l-istess 'Xamajne' bghatet messagg iehor li fih tghid "*Ok bri, gibtu il number ta' zeba, thankyou xorta*" (a fol. 73 tal-process) u li ghalhekk dan il-messagg m'huwiex tant indikattiv ta' traffikar ta' droga da parti tal-imputat. Ghalkemm fl-istqarrija, l-Ufficjal Investigatur isemmi messagg iehor mibghut min-numru 79709250, dan il-messagg ma jidhirx fir-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada.

kellu zewgt imwiezen, wiehed mil-liema nstab li kellu tracci tal-eroina – biss il-messagg in kwistjoni jgib id-data tal-1 ta' Awwissu 2010 ossia l-istess jum li fih instabu l-oggetti relatati mad-droga fil-pussess tal-imputat, mentri l-ewwel imputazzjoni tirreferi ghal Dicembru 2008 u x-xhur ta' qabel din id-data. Ghaldaqstant, ghalkemm hemm provi li kif inghad huma indikattivi ta' bejgh ta' droga eroina da parti tal-imputat, biss m'hemmx dawk il-provi li jwasslu lill-Qorti ghall-konvinciment morali illi l-imputat forna jew ipprokura d-droga eroina jew offra li jaghmel dan f'Dicembru 2008 u fix-xhur ta' qabel din id-data.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni ma gietx sodisfacentement ippruvata fil-grad rikjest mil-ligi.

Permezz tat-<u>tieni imputazzjoni</u>, l-imputat gie akkuzat bil-pussess semplici tad-droga eroina u dan b'referenza ghall-1 ta' Awwissu 2010 u matul il-gimghat ta' qabel din id-data. Kif inghad, jirrizulta car mir-relazzjoni tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut illi fuq *swabs* li ttiehdu miz-zewg *aluminium foil* (li nstabu *f'pouch* fil-kcina tar-residenza) u minn fuq il-mizien ta' lewn griz (li nstab gewwa *vacuum cleaner*) instabet is-sustanza eroina. Dwar dan, fis-sottomissjonijiet tieghu, l-imputat jghid illi mhux huwa biss kien jabita fl-istess dar u li m'hemmx in-ness li trid il-ligi bejnu u bejn dawn it-tracci tad-droga. Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tal-imputat fis-sens illi t-tracci huma prova newtra u mhux necessarjament prova li kien hemm l-element ta' pussess da parti tal-imputat, u dan ghaliex ghall-kuntrarju, il-prova ta' tracci tas-sustanza eroina fuq *foil* mahruq tindika li sar uzu minn dak il-*foil* proprju biex fuqu tinharaq l-eroina u ghalhekk hija prova tal-pussess tal-eroina, apparti li nstabu tracci wkoll fuq wiehed mill-imwiezen, u jirrizulta car mill-provi li dawn instabu proprju fir-residenza tal-imputat odjern u fil-presenza tal-istess imputat. Ghalkemm l-imputat jghid fis-sottomissjonijiet tieghu illi huwa ma kienx jabita wahdu fl-istess residenza, biss dan ma jirrizulta minn imkien mill-provi prodotti u salv ghall-fatt li fl-istqarrija tieghu jindika li ghandu tifla, m'hemm l-ebda indikazzjoni ohra li fl-istess residenza kien jghix haddiehor. Naturalment ghalkemm l-imputat ma huwa tenut li jipprova xejn u l-prova tinkombi fuq il-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju ragjonevoli, biss min jallega jrid jipprova u f'dan il-kaz, la darba l-imputat qed isostni li huwa ma kienx jabita wahdu fl-istess fond, kien jispetta lilu li jgib din il-prova, tal-inqas fuq bazi ta' probabbilta`.

Dwar l-elementi tal-pussess ghal fini tal-ligi dwar id-droga, fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs John Borg</u>** fit-23 ta' Gunju 1997, intqal hekk:

"*Dwar x'jammonta ghal* <u>*pussess*</u> *ghall-finijiet tal-ligi in dizamina, din il-Qorti diga` kellha l-opportunita` li telabora dwaru fis-sentenza taghha tal-21 ta' Ottubru, 1996, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan. F'dik is-sentenza din il-Qorti osservat li* <u>*l-presenza*</u> *ta' oggett f'post (dar, karozza, kamra, ecc.) li fuqu persuna ghandha* <u>*xi forma ta' kontroll*</u> *tista', taht certi cirkustanzi, tammonta ghal* <u>*pussess*</u> *ta' dak l-oggett; u jekk dak l-oggett jirrisulta bhala fatt li hu droga li taqa' taht il-Kap. 101, allura l-ligi tippresumi, salv prova kuntrarja imqar fuq bazi ta' probabilita`, li l-pussessur kien jaf li dak l-oggett kienet droga (ara wkoll P. v. Charles Clifton, App. Krim., 5 ta' Lulju, 1982).*"

In oltre fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Maizuki Hachemi Beya, bint Abdellatif</u>** tas-16 ta' Frar, 1998 inghad hekk:

"*Il-ligi taghna, kemm ghal dak li jirrigwarda l-pussess kif ukoll ghal dak li jirrigwarda l-importazzjoni ta' droga, ma tuzax il-kelma xjentement", fi kliem iehor il-ligi titkellem dwar minn "ikollu fil-pussess tieghu" (artikolu 8(a)(c), Kap 101) "ikun fil-pussess" (regola 8, A.L. 292/1939), "jimporta" (artikolu 15A (1), Kap 101) u mhux dwar min "xjentement ikollu fil-pussess tieghu", "xjentement ikun fil-pussess" jew "xjentement jimporta". Ghalkemm il-legislatur f'dawn id-disposizzjonijiet ma juzax il-kelma "xjentement", hu evidenti li hawn si tratta ta' reati doluzi u mhux semplicement ta' reati kolpuzi. Il-legislatur ma riedx jikkolpixxi lil min, per ezempju, ad insaputa tieghu jitqieghdlu xi droga fil-bagalja tieghu u dan jibqa' diehel biha f'Malta. Mill-banda l-ohra, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 26(1) tal-Kap. 101, persuna li tkun fil-pussess ta' droga jew li tkun dahhlet droga f'Malta hi presunta li kienet fil-pussess jew dahhlitha xjentement, jigifieri li kienet taf bl-ezistenza ta' dak l-oggett, li dak l-oggett hu droga, u ghalhekk li kienet taf li kienet fil-pussess jew li kienet qed iddahhal id-droga, salv prova (imqar fuq bazi ta' probabbilita`) kuntrarja, u salv il-limitazzjoni ghal tali prova skond l-artikolu 26(2) ta' l-imsemmi artikolu 26 (ara, f'dan is-sens, is-segwenti sentenzi: P vs Charles Clifton, 5/7/82, P vs Martin Xuereb, 20/9/96, P vs Seiffedine Mohamed Marshan, 21/10/96, u P vs John Borg, 23/6/97, kollha appelli kriminali).*"

Ghaldaqstant, la darba l-oggetti in kwistjoni nstabu fir-residenza tal-imputat u la darba wkoll ma jirrizultax mill-atti, imqar sal-grad tal-probabbli, illi fl-istess residenza kienu jghixu persuni ohrajn, kif jghid l-imputat fis-sottomissjonijiet tieghu, il-Qorti tqis illi din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentement ippruvata.

**<u>Konsiderazzjonijiet dwar Piena</u>**

Ghal fini ta' piena dwar it-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis illi nstabu biss tracci tal-eroina u li ghaldaqstant, ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta. Qieset ukoll il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tar-reat odjern.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI u l-Artikolu 22(1)(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 4(1) tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel imputazzjoni migjuba kontra tieghu u qeghda tilliberah minnha, fil-waqt illi qed issibu hati tat-tieni imputazzjoni u tikkundannah ghall-penali ta' disghin Euro (€90).

In oltre ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mal-hatra tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, liema spejjez jammontaw ghas-somma ta' mitejn u sittin Euro u erbgha u tmenin centezmu (€260.84). Dawn l-ispejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien tliet (3) xhur mil-lum. Fin-nuqqas dan l-ammont jigi konvertit fi prigunerija skond il-ligi.[18]

Tordna r-rilaxx tas-somma ta' tliet mija, hamsa u tletin Euro (€335) fi flus kontanti u l-hames *mobiles*, esebiti bhala parti minn Dokument JF2, favur il-hati, fil-waqt illi tordna d-distruzzjoni tal-bqija tal-oggetti formanti parti mill-istess Dokument JF2.

In oltre tordna wkoll lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex jinvestiga lil Alexander Psaila in konnessjoni mar-reat ikkontemplat fl-Artikolu 104 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghal dan il-ghan, tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbaghat lill-Kummissarju tal-Pulizija.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[18] Il-Qorti m'hijiex tikkundanna lill-hati ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-relazzjoni tal-espert Dr. Martin Bajada stante li qed jigi lliberat mill-ewwel imputazzjoni.